DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1730

tat-18 ta' Novembru 2020

li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda għar-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra lill-Kummissjoni Ewropea li ġġib id-data tad-29 ta' Lulju 2020, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li taċċetta, u li tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) Ma hemm l-ebda kundizzjoni speċifika marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda f'dak ir-Regolament u ma hemmx bżonn ta' miżuri tranżitorji.

(3) Formati armonizzati u standards ta' sigurtà komuni għall-permessi ta' residenza fl-Unjoni Ewropea jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntiera u għalhekk jikkontribwixxu għal tħaddim tajjeb ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(4) Jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2017/1954 għalhekk tiġi kkonfermata.

(5) Sabiex l-Irlanda tkun tista' tapplika r-Regolament (UE) 2017/1954 kemm jista' jkun malajr, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2017/1954 hija kkonfermata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU L 286, 1.11.2017, p. 9).